MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1055/2003

**Quality Analysis Laboratory**

**Vs**

**Frank Borda Limited**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Mejju 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm224.25 (mitejn u erba` u ghoxrin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' prezz ta` servizzi u testijiet li saru mis-socjeta` attrici fuq ordnijiet tas-socjeta` konvenuta.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Thallas is-socjeta` Quality Analysis Laboratory Limited ta' Q.A. House, Sawmill Street, Msida MSD 05 is-somma ta' mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm224.25) rapprezentanti bilanc minn somma

akbar ta’ prezz tas-servizzi u testijiet li saru mill-istess socjeta` attrici fuq ordnijiet ta’ l-istess socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali skond il-ligi; is-socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
1. Preliminarjament in-nullita tal-azzjoni stante illi l-attur m’ghandux personalita guridika u b’hekk ma jistghux jkunu soggett ta’ dritt litigjuz.
2. Fit-tieni lok u in linea sussidjara u minghajr pregudizzju ghal-premess l-ammont mitlub m’hux dovut stante li huwa esagerat u ma jirriflettix dak miftiehem.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi din il-kawza hija rizultat ta' nuqqas ta' carezza fir-relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet. Dan jirrizulta ukoll bil-mod ta' komunikazzjoni bejniethom ossia tramite SMS. Fil-waqt li s-socjeta’ l-attrici tippretendi hlas ghal kull sample, is-socjeta’ konvenuta tippretendi li thallas darba ghall-erba' (4) samples.

Kif spjega x-xhud tas-socjeta’ attrici l-istima nghatat ghal sample aktar u aktar meta kellhom isiru diversi testijiet. L-ittra a fol. 16 tal-process hija piu che spjegatorja. Jaghmel aktar sens il-valur moghti mis-socjeta’ attrici milli dik pretiz mis-socjeta’ konvenuta. In-necessita li jintbaghtu erba' (4) samples u mhux wiehed (1) tibqa a karigu tal-istess socjeta’ konvenuta. It-test rikjest bil-prezz moghti ossia kwotat kellu jsir fuq sample wiehed.

Tibqa l-kwistjoni tal-fatt ta' pagament ricevut fl-ammont ta' erba' u sebghin Lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm74.75). Ma tistax tippretendi s-socjeta’ konvenuta li tircievi kont ta' mitejn disa' u disghin Lira (Lm299), thallas kwart minnu u li jkun a saldu. Hekk ippruvat taghmel izda kif jirrizulta mill-istess Dok DD1 esibit fit-28 ta' Gunju 2004, il-kont mitlub ghal hlas kien ta' mitejn disa' u disghin Lira (Lm299), mhux erba' u sebghin Lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm74.75).

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta jilqa' t-talbiet attrici jikkundanaha thallas is-somma ta' mitejn erba' u ghoxrin Lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm224.25) kif mitluba bl-ispejjes u nteressi kontra l-istess socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------